IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.8.2020
COM(2020) 900 final

ABBOZZ TAL-BAĠIT EMENDATORJU Nru 8
TAL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2020

Żieda fl-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza biex tiġi ffinanzjata l-istrateġija dwar il-vaċċini kontra l-COVID-19 u għall-impatt tal-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, kif adottat fis-27 ta' Novembru 2019[2],

– il-baġit emendatorju Nru 1/2020[3], adottat fis-17 ta' April 2020,

– il-baġit emendatorju Nru 2/2020[4], adottat fis-17 ta' April 2020,

– il-baġit emendatorju Nru 3/2020[5], adottat fis-17 ta' Ġunju 2020,

– il-baġit emendatorju Nru 4/2020[6], adottat fis-17 ta' Ġunju 2020,

– il-baġit emendatorju Nru 5/2020[7], adottat fl-10 ta' Ġunju 2020,

– l-abbozz tal-baġit emendatorju Nru 7/2020[8], adottat fit-3 ta' Lulju 2020,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz tal-Baġit Emendatorju Nru 8/2020 tal-baġit tal-2020.

BIDLIET FIR-RAPPORT TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-Taqsima III huma disponibbli fil-EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm).

1 ĠU L 193, 30.7.2018.
2 ĠU L 57, 27.2.2020.
3 ĠU L 126, 21.4.2020.
4 ĠU L 126, 21.4.2020.
5 ĠU L 254, 04.8.2020.
6 ĠU L 254, 04.8.2020.
7 ĠU L XXX, XX.X.2020.
8 COM(2020) 424, 6.7.2020

WERREJ

1. INTRODUZZJONI 3
2. ŻIEDA FL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT GĦALL-ISTRUMENT GĦALL-APPOĠĠ TA' EMERĠENZA (ESI) 3
3. ŻIEDA FL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT MARBUTA MAS-CRII+ 4
4. FINANZJAMENT 6
5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP 7

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-iskop tal-Abbozz tal-Baġit Emendatorju (ABE) Nru 8 għas-sena 2020 huwa li jipprovdi EUR 6,2 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament biex jinkorpora (i) il-bżonnijiet addizzjonali għall-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza (ESI) biex tiġi ffinanzjata l-istrateġija dwar il-vaċċini kontra l-COVID-19 u (ii) il-bżonnijiet addizzjonali ta' pagament għall-koeżjoni wara l-adozzjoni tal-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus (CRII+)[9].

2. ŻIEDA FL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT GĦALL-ISTRUMENT GĦALL-APPOĠĠ TA' EMERĠENZA (ESI)

Meta l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza ġie attivat f'April 2020 fil-qafas tal-kriżi tal-COVID-19, kienu previsti sensiliet mifruxin ħafna ta' azzjonijiet ta' appoġġ abbażi ta' valutazzjoni tal-bżonnijiet inizjali mfassla mill-Kummissjoni b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri. Il-finanzjament tal-appoġġ ta' emerġenza kellu l-għan li jingħadda fejn l-aktar li kien se jkun hemm bżonnu u fejn kien se jwassal għal valur miżjud ċar għall-UE. Minħabba l-firxa wiesgħa ta' azzjonijiet possibbli, kien oriġinarjament previst li, mill-EUR 2,7 biljun f'impenji previsti mill-awtorità tal-baġit, kienu biss EUR 1,38 biljun, nofs il-pagamenti, li kienu se jkunu meħtieġa fl-2020, bil-kumplament ifeġġ il-bżonn tagħhom fis-snin ta' wara.

Hekk kif il-kriżi evolviet, il-Kummissjoni adottat diversi deċiżjonijiet[10] biex tuża l-finanzjament ta' Appoġġ ta' Emerġenza biex tappoġġa sensiela ta' azzjonijiet bħal: assistenza fit-trasport ta' oġġetti essenzjali, timijiet mediċi u pazjenti milquta mill-COVID-19 (il-pakkett dwar il-Mobilità); l-akkwist pubbliku ta' prodotti essenzjali relatati mas-saħħa; appoġġ għaż-żieda fil-kapaċitajiet tal-ittestjar; aktar trattamenti tqiegħdu għad-disponibbiltà tal-pazjenti tal-COVID-19; appoġġ għall-interoperabbiltà tal-apps għat-traċċar diġitali u d-distribuzzjoni ta' robots ta' diżinfezzjoni għall-isptarijiet.

Matul l-evoluzzjoni tal-pandemija u kif ġie enfasizzat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija għall-vaċċini[11], jidher biċ-ċar li soluzzjoni permanenti għall-kriżi, x'aktarx li se tinstab bis-saħħa tal-iżvilupp u l-użu mifrux ta' vaċċin effettiv u sikur kontra l-virus. Konsegwentement, it-tfittxija għal vaċċin effettiv saret prijorità u l-Kummissjoni kkonkludiet ftehim mal-Istati Membri kollha biex tinnegozja u tikkonkludi Ftehimiet Antiċipati ta' Xiri (APAs - Advance Purchase Agreements) għan-nom tal-Istati Membri kollha mal-manifatturi tal-vaċċini. F'dawn l-APAs, l-ESI jipprovdi l-finanzjament bil-quddiem meħtieġ biex jitnaqqas ir-riskju għall-investimenti essenzjali sabiex tiżdied il-ħeffa u l-iskala tal-immanifatturar ta' vaċċini li jirnexxu. Inkambju, dawn jagħtu d-dritt lill-Istati Membri li jixtru għadd speċifiku ta' dożi ta' vaċċini f'perjodu ta' żmien stabbilit u bi prezz stabbilit. Il-

9 Ir-Regolament (UE) 2020/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013 u (UE) Nru 1303/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19, ĠU L 130, 24.4.2020, p. 1.

10 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020)2794 dwar il-finanzjament tal-Appoġġ ta' Emerġenza skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/369; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020)4193 li temenda d-Deċiżjoni C(2020)2794 fir-rigward tal-finanzjament tal-Istrument għall-Vaċċini; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020)5162 li temenda d-Deċiżjoni C(2020) 2794 fir-rigward tal-finanzjament ta' azzjonijiet addizzjonali taħt l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza u ż-żieda tal-baġit tal-Istrument għall-Vaċċini.

11 COM(2020)245 final tas-17 ta' Ġunju 2020.

Kummissjoni diġà kkonkludiet APA wieħed ma' manifattur tal-vaċċini f'Awwissu 2020, u bħalissa tinsab fi stadju avvanzat ta' negozjati ma' għadd ta' manifatturi oħra.

L-APA jinċentivizza lill-manifatturi tal-vaċċini biex jibnu kapaċità tal-produzzjoni sostanzjalment b'aktar ħeffa milli fil-kuntest tal-iżvilupp tas-soltu tal-vaċċini, u biex jagħmlu dan jirrikjedu flus bil-quddiem biex jitnaqqsilhom ir-riskju għall-investimenti tagħhom u li jimplika pagamenti bil-quddiem aktar kmieni mis-soltu mill-Kummissjoni li jsiru ftit żmien wara li jittieħdu l-impenji (spiss f'temp ta' ftit jiem wara l-iffirmar tal-kuntratt).

Minħabba f'hekk, l-approprjazzjonijiet ta' pagament attwali taħt l-ESI mhumiex biżżejjed biex ikopru l-obbligi kuntrattwali li l-Kummissjoni qed tipprevedi li se jkollha tissodisfa fuq terminu qasir vis-à-vis il-manifatturi tal-vaċċini. Sabiex l-Unjoni Ewropea tkun tista' tiżgura aċċess sigur għal ġabra wiesgħa ta' vaċċini potenzjali biex ikollha kemm jista' jkun ċans li jkun hemm vaċċin effettiv u sikur disponibbli mill-aktar fis possibbli, huwa importanti ħafna li għalhekk il-pagamenti addizzjonali jkunu disponibbli mill-aktar fis possibbli. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa propost li jkun hemm biżżejjed approprjazzjonijiet ta' pagament disponibbli taħt l-ESI fl-2020 biex jiġu koperti (a) l-impenji kollha rilevanti li l-Kummissjoni se tieħu mal-manifatturi tal-vaċċini għan-nom tal-Istati Membri kif ukoll (b) l-azzjonijiet l-oħra li għaddejjin. Il-bżonnijiet ta' pagamenti fis-snin li ġejjin se jitnaqqsu skont dan.

Meta jitqies ir-rinfurzar ta' EUR 140 miljun li diġà ġew approvati mill-awtorità tal-baġit matul Lulju 2020, l-ammont ta' approprjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali meħtieġ fl-2020 huwa ta' EUR 1 090 miljun, biex b'hekk il-pagamenti totali għall-ESI jiġu jammontaw għal EUR 2 610 miljun. Jifdal EUR 90 miljun li se jitħallsu fl-2021 għal impenji mhux relatati mal-istrateġija għall-vaċċini.

Huwa propost ukoll li jiġu trasferiti EUR 53,75 miljun f'impenji u f'pagamenti mil-linja tan-nefqa tal-appoġġ amministrattiv għal-linja operazzjonali tal-Istrument. L-ammont totali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għal-linja ta' appoġġ tal-ESI se jitnaqqas għalhekk għal EUR 250 000.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
18 01 04 05	Nefqa ta' appoġġ għall-appoġġ ta' emerġenza fi ħdan l-Unjoni	-53 750 000	-53 750 000
18 07 01	Appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni	53 750 000	1 143 750 000
Total		**0**	**1 090 000 000**

3. ŻIEDA FL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT MARBUTA MAS-CRII+

F'Marzu u f'April 2020, il-Kummissjoni pproponiet żewġ pakketti ta' miżuri: l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII)[12] u l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons

[12] Ir-Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewropew u tal Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f'setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom b'reazzjoni għat-tifqigħa COVID- 19 (Inizjattiva ta' Investiment b'Reazzjoni għall-Coronavirus), ĠU L 99, 31.3.2020, p. 5–8.

għall-Coronavirus Plus (CRII+)[13], li ġew adottati f'qasir żmien mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

L-Istati Membri qed jagħmlu użu sħiħ mill-flessibbiltajiet u mil-likwiditajiet offruti mill-Fondi ta' koeżjoni biex jiġu megħjuna dawk l-aktar milquta: il-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa u l-isptarijiet, l-SMEs, u l-ħaddiema. L-implimentazzjoni tal-inizjattiva għadha għaddejja u l-Istati Membri jibqgħu jadottaw miżuri skont il-bżonnijiet li qed jevolvu. Filwaqt li l-appoġġ ta' koeżjoni standard jiffoka fuq investimenti fit-tul għall-konverġenza reġjonali, il-pakketti tas-CRII u s-CRII+ ipprovdew rispons ta' emerġenza fejn l-aktar li kien hemm bżonnu.

B'riżultat tal-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII) adottata fit-30 ta' Marzu 2020, madwar EUR 8 biljun ta' likwidità għall-investimenti tqiegħdu għad-disponibbiltà għall-programmi taħt il-Politika ta' Koeżjoni. Sabiex tiżgura li l-appoġġ kollu li għad ma hemmx impenn għalih mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni jkun jista' jiġi mmobilizzat fl-2020 biex jindirizza l-effetti tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq l-ekonomiji u s-soċjetajiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni ppproponiet ukoll is-CRII+, li ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Din tipprovdi, fuq bażi temporanja, il-possibbiltà li l-Istati Membri jitolbu kofinanzjament mill-UE ta' 100 % għall-programmi appoġġati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Fond Soċjali Ewropew u mill-Fond ta' Koeżjoni għas-sena ta' kontabbiltà li tibda fl-1 ta' Lulju 2020 u tintemm fit-30 ta' Ġunju 2021, u possibbiltajiet akbar ta' trasferimenti bejn il-fondi kif ukoll bejn kategoriji ta' reġjuni. Sal-24 ta' Awwissu 2020, kienet intalbet ir-rata ta' kofinanzjament tal-UE ta' 100% għal 107 programmi, li jkopru kważi nofs il-pakkett tal-politika ta' koeżjoni.

Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond tal-previżjonijiet ippreżentati mill-Istati Membri sal-aħħar ta' Lulju 2020 fil-livell ta' kull programm u hija tal-fehma li hemm bżonn ta' rinforz ta' EUR 5,1 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament sabiex jiġu koperti l-applikazzjonijiet ta' pagament kollha pagabbli previsti li għandhom jitħallsu fl-2020.

It-talba għar-rinfurzar tal-approprjazzjonijiet ta' pagament fl-intestatura 1b tammonta għal EUR 5,1 biljun, diżaggregati kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
04 02 60	Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni anqas żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	-	771 562 000
04 02 61	Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni fi tranżizzjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	-	192 891 000
04 02 62	Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni aktar żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	-	397 128 000
04 02 64	Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ	-	68 419 000
04 06 01	Promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u t-taffija tal-agħar forom ta' faqar fl-Unjoni	-	70 000 000
13 03 60	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Reġjuni anqas żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-	-	1 882 287 000

13 Ir-Regolament (UE) 2020/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013 u (UE) Nru 1303/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19, ĠU L 130, 24.4.2020, p. 1

	impjiegi		
13 03 61	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Reġjuni fi tranżizzjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	-	311 128 000
13 03 62	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Reġjuni aktar żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	-	424 520 000
13 03 63	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Allokazzjoni addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u sottopopolati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	-	20 386 000
13 03 64 01	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Kooperazzjoni Territorjali Ewropea	-	122 353 000
13 04 60	Fond ta' Koeżjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	-	839 326 000
Total		**0**	**5 100 000 000**

4. FINANZJAMENT

L-abbozz tal-baġit emendatorju Nru 6/2020[14] kien ibbażat fuq is-suppożizzjoni li l-QFP tal-2014-20 kien se jiżdied. Madankollu, b'segwitu għall-konklużjoni tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Lulju, jidher biċ-ċar li l-affarijiet se jimxu mod ieħor u l-abbozz tal-baġit emendatorju Nru 6/2020 sar *de facto* obsolet. Għal din ir-raġuni, dan l-ABE Nru 8 ma jikkunsidrax dik il-proposta u n-nefqa hija proposta bħala li tibda mil-livell tal-aħħar baġit adottat (BE 5/2020) u l-finanzjament kif propost fl-ABE Nru 7/2020.

[14] COM(2020) 423, 3.6.2020

5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

F'EUR

Intestatura	Baġit 2020 (inkl. BE 1-5 u ABE 7/2020)		Abbozz tal-Baġit Emendatorju 8/2020		Baġit 2020 (inkl. BE 1-5 u ABE 7-8/2020)	
	AI	AP	AI	AP	AI	AP
1. Tkabbir intelliġenti u inkluživ	**83 930 597 837**	**72 353 828 442**		**5 100 000 000**	**83 930 597 837**	**77 453 828 442**
Limitu Massimu	*83 661 000 000*				*83 661 000 000*	
Marġni						
1a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	25 284 773 982	22 308 071 592			25 284 773 982	22 308 071 592
Li minnu taħt il-marġni globali għall-impenji	*93 773 982*				*93 773 982*	
Limitu Massimu	*25 191 000 000*				*25 191 000 000*	
Marġni						
1b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	58 645 823 855	50 045 756 850		5 100 000 000	58 645 823 855	55 145 756 850
Li minnu taħt il-marġni globali għall-impenji	*175 823 855*				*175 823 855*	
Limitu Massimu	*58 470 000 000*				*58 470 000 000*	
Marġni						
2. Tkabbir sostenibbli: ir-riżorsi naturali	**59 907 021 051**	**57 904 492 439**			**59 907 021 051**	**57 904 492 439**
Limitu Massimu	*60 421 000 000*				*60 421 000 000*	
Li minnu paċuti mal-Marġni ta' kontinġenza	*- 465 323 871*				*- 465 323 871*	
Marġni	*48 655 078*				*48 655 078*	
Li minnu: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti	43 410 105 687	43 380 031 798			43 410 105 687	43 380 031 798
Sublimitu	*43 888 000 000*				*43 888 000 000*	
Differenza dovuta għall-arrotondament eskluża mill-kalkolu tal-marġni	*888 000*				*888 000*	
Li minnu paċuti mal-Marġni ta' kontinġenza	*- 428 351 235*				*- 428 351 235*	
Marġni tal-FAEG	*48 655 078*				*48 655 078*	
3. Sigurtà u ċittadinanza	**7 152 374 489**	**5 278 527 141**		**1 090 000 000**	**7 152 374 489**	**6 368 527 141**
Li minnu taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*1 094 414 188*				*1 094 414 188*	
Li minnu taħt il-marġni globali għall-impenji	*2 392 402 163*				*2 392 402 163*	
Li minnu taħt il-Marġini ta' Kontinġenza	*714 558 138*				*714 558 138*	
Limitu Massimu	*2 951 000 000*				*2 951 000 000*	
Marġni						
4. Ewropa Globali	**10 991 572 239**	**9 112 061 191**			**10 991 572 239**	**9 112 061 191**
Li minnu taħt il-Marġini ta' Kontinġenza	*481 572 239*				*481 572 239*	
Limitu Massimu	*10 510 000 000*				*10 510 000 000*	
Marġni						
5. Amministrazzjoni	**10 271 193 494**	**10 274 196 704**			**10 271 193 494**	**10 274 196 704**
Limitu Massimu	*11 254 000 000*				*11 254 000 000*	
Li minnu paċuti mal-Marġni ta' kontinġenza	*- 982 806 506*				*- 982 806 506*	
Marġni						
Li minnu: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	7 955 303 132	7 958 306 342			7 955 303 132	7 958 306 342
Sublimitu	*9 071 000 000*				*9 071 000 000*	
Li minnu paċuti mal-Marġni ta' kontinġenza	*- 982 806 506*				*- 982 806 506*	
Marġni	*132 890 362*				*132 890 362*	
Total	**172 252 759 110**	**154 923 105 917**		**6 190 000 000**	**172 252 759 110**	**161 113 105 917**
Li minnu taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	***1 094 414 188***	***1 017 029 444***			***1 094 414 188***	***1 017 029 444***
Li minnu taħt il-marġni globali għall-impenji	***2 662 000 000***				***2 662 000 000***	
Li minnu taħt il-Marġini ta' Kontinġenza	***1 196 130 377***				***1 196 130 377***	
Limitu Massimu	***168 797 000 000***	***172 420 000 000***			***168 797 000 000***	***172 420 000 000***
Li minnu paċuti mal-Marġni ta' kontinġenza	***-1 448 130 377***				***-1 448 130 377***	
Marġni	***48 655 078***	***18 513 923 527***			***48 655 078***	***12 323 923 527***
Strumenti speċjali ohra	**860 261 208**	**690 998 208**			**860 261 208**	**690 998 208**
Total Kumplessiv	**173 113 020 318**	**155 614 104 125**		**6 190 000 000**	**173 113 020 318**	**161 804 104 125**